MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 1197/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**

**vs**

**Marcel Dingli**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Marcel Dingli ta' 48 sena, bin Mario u Anna Maria k/a Molly nee' Agius Gilbert, imwieled Sliema fit-23 ta' Settembru 1958 u residenti 32 Flat 2, Triq Natalie Poutiatin Tabone, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' numru 613658(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Nhar is-7 ta' April 2006 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer ingurja jew hedded Magistrat, u cioe' lill-Magistrat Dr. J. Padovani LL.D u l-Magistrat Dr. S.Demicoli LL.D waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu d-dmirijiet taghhom jew, bil-hsieb li jbezzaghhom jew li

jinfuwixxi fuqhom kontra l-ligi fid-dmirijiet tak-kariga taghhom ;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' l-imsemmija Magistrat Dr. J. Padovani LL.D u l-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D. weggaghom bi kliem, b'gesti jew b' mod iehor ;

Kiser il-provediment tas-sentenza sospiza fuqu mposta mill-Qorti tal-Magistrati datat 15/03/2005 mghotija mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta' Novembru 2006 (esebit a fol. 18 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2007 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor is-segwenti. Fis-7 ta' April 2006 Paul Miruzzi li dak iz-zmien kien jokkupa il-kariga ta' Registratur tal-Qorti (gurisdizzjoni kriminali) ikkonsenja lil Pulizija zewg ittri li kienu waslu l-Qorti dakinhar stess, wahda indirizzata lil Magistrat Saviour Demicoli u l-ohra indirizzata lil Magistrat Jacqueline Padovani Grima. Mil-provi rrizulta li meta l-Messaggier addett mal-awla tal-Magistrat Saviour Demicoli mar jigbor il-posta mis-Central Registry tal-Qorti fejn jaslu l-ittri kollha ndirizzati lill-Gudikatura huwa kien innota lli kien hemm ittra ohra simili ghal dik indirizzata lil Magistrat Saviour Demicoli. Dan tal-ahhar dehrlu li l-ittra kienet suspettuza u ghalhekk huwa baghat ghar-

Registratur tal-Qorti u wara li dan gie nfurmat li l-Messaggier hawn fuq imsemmi kien innota li kien hemm ittra ohra indirizzata lil Magistrat Padovani Grima li kienet tidher simili ghal dik indirizzata lil Magistrat Demicoli stante li l-envelopes kienu jidhru li jikkontjenu xi haga ohra apparti karti u kienu indaqs, u wara li r-Registratur kien kellem ukoll lil Magistrat Padovani Grima, huwa segwa l-istruzzjonijiet moghtija lilu miz-zewg Magistrati in kwistjoni u ghamel rapport l-Ghassa tal-Belt mal-Ispettur Alfred Mallia fejn ikkonsenjalu l-ittri in kwistjoni. L-Ispettur Mallia ghamel rapport lil Magistrat tal-Ghassa, il-Magistrat Joseph Apap Bologna, u saret Inkjesta Magisterjali (Process Verbal relattiv inserit a fol. 21 tal-atti processwali). Wara li z-zewg ittri gew ezaminati mill-Bomb Disposal Unit u gie stabbilit li ma kien fihom ebda kontenut splussiv dawn gew miftuha u f'kull ittra nstabu zewg suppozitorji Olfen u preskrizzjoni medika ghall-istess medicinali. Il-Magistrat Padovani Grima kienet indikat li kellha suspett fl-imputat bhala l-persuna li seta' baghat dawn l-ittri peress li fil-passat kien huwa kien hallielha pakkett fl-awla taghha u kienu ttiehdu proceduri fil-konfronti tieghu fir-rigward, liema proceduri gew decizi mill-Magistrat Saviour Demicoli.

Mil-atti jirrizulta li fl-10 ta' April 2006 l-imputat irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 13 u 14 tal-process) fejn huwa ammetta li kien baghat dawn iz-zewg ittri u spjega li in kwantu jirrigwarda l-envelope indirizzat lil Magistrat Saviour Demicoli 'huwa kien baghat zewg suppozitorji 'sena kull wiehed li wahhalni habs sopizi' u in kwantu jirrigwarda l-envelope mibghut lil Magistrat Padovani Grima huwa qal li kien baghtilha s-suppozitorji ghaliex kien jaf li kienet waqghet u hadet skoss f'darha u haseb li dawn setghu ikunu ta gid ghaliha. Huwa inoltre qal li ma kellu ebda kawza quddiem ill-Magistrat Padovani Grima u inoltre informa lil Pulizija li fil-jiem qabel ma rrilaxxja l-istqarrija waqt li kien Ruma kien baghat envelope iehor lil Magistrat Padovani Grima fejn baghtilha zewg sigaretti u spjega li ghamel dan sabiex jirrikambja kumpliment ghaliex hija xi snin ilu kienet ofrietlu sigarett.

Mill-provi, u senjatament mix-xhieda tal-Magistrat Jacqueline Padovani Grima li xehdet fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2007 u regghat xehdet in kontro-ezami fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2009 jirrizulta li l-imputat kellu infatwazzjoni ghall-imsemmija Magistrat Padovani Grima u fil-passat kien halla envelope kbir fl-awla taghha, li wara kien irrizulta li fih teddy bear u ritratt tal-imputat, u kien ukoll ghamel xi bomb threats permezz ta' telefonati fid-dar tal-imsennija Magistrat meta hija kienet ghadha avukat. Irrizulta wkoll li kienu ttiehdu proceduri fil-konfronti tal-imputat in konnessjoni ma dan il-kaz tal-envelope bit-teddy bear li gew decizi mil-Magistrat Saviour Demicoli fil-15 ta' Marzu 2005 fejn l-imputat gie kkundannat piena ta' prigunerija sospiza izda sussegwentement dik is-sentenza giet annullata mill-Qorti tal-Appell u wara li l-atti gew rinvijati lil Qorti tal-Magistrati l-imputat gie liberat mill-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu skond ma jirrizulta mill-kopja informali tas-sentenza esebita mid-Difiza (inserita a fol. 68 et sequitur tal-process).

Ikkunsidrat;

Illi fil-proceduri odjerni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' ingurji u jew theddid lil Imhallfin, Magistrati ,l-Avukat Generali jew lil gurati kontemplat fl-Artikolu 93 tal-Kodici Kriminali kif ukoll bir-reat ta' ingurja kontemplat fl-Artikolu 252. L-imputat jinsab akkuzat ukoll li kiser il-provvedimenti mposti fuqu permezz ta' sentenza sospiza moghtija mill-Magistrat Saviour Demicoli fil-15 ta' Marzu 2005.

In kwantu jirrigwarda din l-ahhar akkuza, u cioe' t-tielet akkuza jinghad mal-ewwel li din ma tirrizultax pruvata stante li mill-provi irrizulta li din is-sentenza giet annullata u ghalhekk l-imputat ma jistghax jinsab hati li kiser kundizzjoni imposta fuqu permezz ta' sentenza li giet annullata.

In kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza l-Artikolu 93 tal-Kodici Kriminalli jipprovdi s-segwenti :-

(1) Kull min jingurja jew ihedded imhallef, jew l-Avukat Generali, jew magistrat, jew gurat, waqt li jkun jaghmel

jew minhabba li jkun ghamel id-dmirijiet tieghu, jew bil-hsieb li jbezzghu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta’ prigunerija minn xahar sa tliet xhur u l-multa. cirkostanzi aggravanti.

(2) Jekk l-iskop ta’ l-ingurja jkun li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ dak li kontra tieghu tkun giet maghmula, il-piena hija l-prigunerija minn tliet xhur sa sena.

(3) Jekk it-theddid ikun ta’ delitt, il-piena hija ta’ prigunerija minn seba’ xhur sa tmintax-il xahar, u meta t-theddid isir bil-miktub, sew anonimu kemm taht l-isem ta’ wiehed innifsu jew taht isem falz, il-piena tizdied bi grad, u, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-hati jista’ jigi issuggettat ghall-obbligi msemmijin fl-artikoli 383, 384 u 385, bi pleggerija jew minghajrha, skond ic-cirkostanzi.

Mill-provi rrizulta li l-imputat baghat iz-zewg envelopes bil-kontenut liema envelopes jinsabu esebiti in atti (fil-Process Verbal nserit a fol. 21 tal-atti processwali) liz-zewg Magistrati msemmija fl-akkuza. Dan jirrizulta ex admissis mill-istqarrija tal-istess imputat li mhux talli jammetti li huwa kien baghat l-imsemmija envelopes izda jindika anki r-raguni ‘il ghala baghthom u addirittura informa lil Pulizija li sussegwentement kien baghat envelope iehor lil Magistrat Padovani Grima fejn fl-envelope kien dahhal zewg sigaretti u dan sabiex jirrikambja ghal meta hija snin ilu kienet ofrietlu sigarett.

Id-Difiza qed tissottometti li l-fatti tal-kaz ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat kontemplat fl-Artikolu 93 stante li kwantu jirrigwarda l-envelope mibghut lil Magistrat Padovani Grima li kien jikkontjeni zewg suppozitorji u preskrizzjoni medika u li ma kienx fih xi ittra b’xi theddid jew b’xi ingurji, dan ma ntbaghatx lilha in konnessjoni mad-dmirijiet tal-kariga taghha stante li l-imputat qal li huwa kien baghtilha l-envelope bis-suppozitorji sabiex jghinha ghaliex kien sema’ li hadet skoss f’darha. In kwantu jirrigwarda l-akkuza f’dik il-parti riferibbli ghal Magistrat Saviour Demicoli id-Difiza ssostni li in vista tal-fatt li l-envelope bil-

kontenut imsemmi intbaghat lil Magistrat Demicoli wara li dan kien ta s-sentenza fil-konfronti tal-imputat kwindi ma jistghax jinghad li l-imputat baghat l-ittra sabiex jinfluwixxi fuq il-Magistrat fid-dmirijiet tal-kariga tieghu peress li l-proceduri kienu diga gew konkluzi u decizi meta intbaghat l-envelope. Id-Difiza inoltre ssostni li l-fatti tal-kaz setghu semmai jinkwadraw ruhhom fir-reat kontemplat fl-Artikolu 251A tal-Kodici Kriminali  u cioe' ir-reat li wiehed jaghti fastidju.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni maghmula mid-Difiza ghal dik il-parti tal-akkuza in kwantu riferibbli ghal Magistrat Padovani Grima u dan stante li minn imkien mil-provi ma rrizulta li l-imputat ingurja jew hedded lil-imsemmija Magistrat waqt il-qadi ta dmirijietha jew sabiex jinfluwixxi jew ibezzaghha  f'tali qadi ta' dmirijietha. Dan jinghad ghaliex l-imputat ma kellux proceduri pendenti quddiem l-imsemmija Magistrat u l-anqas ma agixxa b'mod tali li jingurja jew jheddidha waqt li hija kienet qed taqdi d-dmirijiet tal-kariga taghha. L-istess haga ma tistghax tinghad fejn din l-akkuza hija riferibbli ghall-Magistrat Saviour Demicoli stante li mill-provi rrizulta li r-raguni il-ghala l-imputat baghat iz-zewg suppozitorji lil Magistrat Demicoli kienet suppozitorju ghal kull sena ta' prigunerija sospiza li kien ikkundannah. Mill-provi fil-fatt irrizulta li l-imputat kellu proceduri kriminali li gew decizi mill-Magistrat Saviour Demicoli u rrizulta wkoll mill-istess stqarrija tal-imputat li din kienet ir-raguni il-ghala huwa bghatlu dawn is-suppozitorji. L-Artikolu 93 jghid li r-reat jissusisti meta wiehed jingurja jew jhedded Magistrat…… waqt li jkun qed jaghmel **jew minhabba li jkun ghamel id-dmirijiet tieghu (enfazi tal-Qorti)**.  Fil-kaz odjern l-envelope intbghat minhabba li l-Magistrat ghamel id-dmirijiet tieghu u cioe wara li huwa pronunzja sentenza ta sejbien ta' htija fil-konfronti tal-imputat.

Kif intqal aktar 'il fuq izda iz-zewg envelopes kienu jikkontjenu biss zewg suppozitorji u preskrizzjoni medika ghall-istess suppozitorji u xejn aktar fis-sens li ma kien hemm ebda kliem ta' ingurji jew theddid fil-konfronti taz-zewg Magistrati. Il-qorti jidrilha li l-oggetti li ntbaghtu ma jistghux fihom infushom jigu kkunsidrati li jammontaw ghal

theddida jew ingurja bhal per ezempju li kien ntbaghat bullet li ovvjament fih innifsu kien jikkostitwixxi theddida u dan minghajr il-htiega li jkun hemm kliem ta’ theddid jew altrimenti ngurjuz. Irid jigi rilevat li il-Magistrat Saviour Demicoli ma xehedx f’dawn il-proceduri sabiex jispjega b’liema mod hassu mhedded jew ingurjat bil-kontenut tal-envelope li ntbaghat lilu mil-imputat.

Il-Qorti jidrilha li l-agir tal-imputat jista’ jigi kkunsidrat li jaghti fastidju izda ma jikkostitwix theddida jew ingurja.

Il-Qorti jidrilha li t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat ma tirrizultax pruvata ghall-istess ragunijiet indikati fil-paragrafu precedenti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------